MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2013

Numru 967/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Abdi Haashi Mohamed**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Abdi Haashi Mohamed, iben Haashi Mohamed u Farah nee’ Mire, imwieled Somalja fl-1 ta’ Jannar 1985, jghix x’imkien fil-Gzira u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 66094(A);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-28 ta’Settembru 2013, ghall-habta tal-kwarta ta’ filghodu (12.15 a.m), minn Triq San Gorg, San Giljan u/jew mill-vicinanzi:

Ikkommetta serq ta' kartiera li kien fiha €155 fi flus kontanti, visa card u dokumenti personali ghad-dannu ta' Timothy Burrill, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'hin'.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata fis-seduta tal-lum stess, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta'piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi r-*res furtiva* giet ritornata lura. Il-Prosekuzzjoni ma esebietx il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat stqarr illi ghandu problema ta' xorb.

**Konkluzjoni:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A u 28G, 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **piena ta' tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn**.

In oltre il-Qorti qeghdha tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn mill-lum bil-kundizzjonijiet

indikati fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifformi parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta'din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole.*

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni.

Finalment, il-Qorti tordna illi l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza, jintbghatu lill-Avukat Generali fit-terminu previst mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------